



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Novembru 2020
(OR. en)

12037/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0180 (NLE)

UD 307
COMER 149
MED 73
RS 4
WTO 274

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda ta' dak il-Ftehim billi jiġi sostitwit il-Protokoll 3 tiegħu dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE).../...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni
stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni
bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda,
u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-emenda ta' dak il-Ftehim billi jiġi sostitwit il-Protokoll 3 tiegħu
dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' “prodotti oriġinarji”
u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċizzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2013/490/UE, Euratom¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2013.
- (2) Il-Ftehim jinkludi l-Protokoll 3 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva ("il-Protokoll 3"). Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll 3, il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit bl-Artikolu 119 tal-Ftehim ("il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni") jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 3.
- (3) Fil-laqgħa li jmiss tiegħu, qabel tmiem tal-2023, il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni ser jadotta deċizzjoni li temenda l-Protokoll 3 (id-deċizzjoni).
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni peress li d-Deċizzjoni ser ikollha effetti legalivinkolanti fl-Unjoni.

¹ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni 2013/490/UE, Euratom tat-22 ta' Lulju 2013 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra (ĠU L 278, 18.10.2013, p. 14.).

- (5) Il-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji (“il-Konvenzjoni”) ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/94/UE¹ u daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-Unjoni fl-1 ta’ Mejju 2012. Din tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-oriġini tal-oġġetti nnegozjati skont il-ftehimiet bilaterali rilevanti ta’ kummerċ ħieles konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni, li japplikaw mingħajr preġudizzju għall-prinċipji stabbiliti f’dawk il-ftehimiet bilaterali.
- (6) L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprevedi li kull Parti Kontraenti trid tiegħu miżuri xierqa biex tiżgura li l-Konvenzjoni tiġi applikata b’mod effettiv. Għal dak l-għan, id-deċiżjoni ser tintroduċi referenza dinamika għall-Konvenzjoni fil-Protokoll 3, sabiex dejjem issir referenza għall-aħħar verżjoni tal-Konvenzjoni fis-seħħ.
- (7) Diskussjonijiet dwar l-emenda tal-Konvenzjoni wasslu għal sett ġdid ta’ regoli tal-oriġini iżjed moderni u iżjed flessibbli li jridu jiġu inkorporati fil-Konvenzjoni. Sakemm tiġi konkluża u tidħol fis-seħħ l-emenda tal-Konvenzjoni l-Unjoni u s-Serbja qablu li japplikaw kemm jista’ jkun malajr sett alternattiv ta’ regoli tal-oriġini bbażati fuq dawk tal-Konvenzjoni emendata, li jistgħu jintużaw b’mod bilaterali bħala regoli tal-oriġini alternattivi għal dawk stabbiliti fil-Konvenzjoni (“Regoli tranżitorji”). Għal dak il-għan, id-deċiżjoni ser tipprevedi wkoll ir-Regoli tranżitorji

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/94/UE tas-26 ta’ Marzu 2012 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji (ĠU L 54, 26.2.2013, p.3).

- (8) Fiż-żona tal-akkumulazzjoni kostitwita mill-Istati tal-EFTA, il-Gżejjer Faeroe, l-Unjoni, r-Repubblika tat-Turkija, il-parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Georgia u l-Ukrajna, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà li jintużaw iċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew dikjarazzjonijiet tal-orġini minflok iċ-ċertifikati tal-moviment EUR-MED jew id-dikjarazzjoni tal-orġini EUR-MED bħala deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni applikabbli għall-akkumulazzjoni dijagonali fost dawk il-parteċipanti.
- (9) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda ta' dak il-Ftehim billi jiġi sostitwit il-Protokoll 3 tiegħu, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni¹.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha u għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2023.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 11126/20 fuq is-sit web <http://register.consilium.europa.eu>.